ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 03** **IT-TNEJN 7 TA' MEJJU 2012**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar it-Tnejn 07 ta' Mejju 2012 fis-7.15 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Ħdax-il Kunsillier)**

Ralph Puli, Rosianne Cutajar, Jesmond Aquilina, Bjorn Azzopardi, Robert Reno Cremona, Jason Busuttil, Carmel Farrugia, Jerome Caruana Cilia, Margaret Mercieca, Antoine Saliba u Sean Meli.

**TALBA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** qalet it-talba.

**03/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 02**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 01 li nżammet nhar it-Tnejn 17 ta' April 2012, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax-il Kunsilliera (11) preżenti**. Ħadd ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta numru 02 ġew approvati unanimament** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**03/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**03/02/01** **Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill li fid-19 u 20 ta' Mejju ser issir attivita' sportiva b'risq Puttinu Cares, fejn il-Kunsill ser jippreżenta midalji lill-parteċipanti

**03/02/02** **Is-Sindku** għamlet riferenza għad-decizjoni tal-Kunsill fil-laqgħa li nżammet . Peress li l-kompjuters li hemm fiż-żewġ libreriji huma antiki u ma jiffunzjonawx qed tipproponi li l-Kunsill jitlob kwotazzjonijiet għal xiri ta' kompjuters għal dawn il-libreriji. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**03/02/03** **Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-bżonn li l-Kunsill jagħmel żewġ *noticeboards* fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tinħareġ sejħa tal-offerti għal dan il-għan.

## 03/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' APRIL 2012

**Is-Sindku** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' April 2012, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-4'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' April 2012
**b)** *Bank Payments* April 2012
**c)** *Petty Cash* April 2012

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Sean Meli** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Hdax-il Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

## 03/04 MOZZJONIJIET

### 03/04/01 MOZZJONI 08A/2012(VI)

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Sean Meli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru08A/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363) jħeġġeġ il-protezzjoni taċ-ċittadini, dan huwa l-għan ta' wara din il-mozzjoni. Għandhom jiġu

mħarsa l-għixien adegwat taċ-ċittadini kollha f'kull naħa ta' Ħal Qormi, speċjalment dawk in-naħat li huma karatterizzati minn attivita' kummerċjali.

Qed jiġi propost li:

- Tiżdied is-sorveljanza tal-Pulizija fiż-żoni industrijali u kummerċjali kemm minħabba abbużi u vandaliżmu (speċjalment fuq bring-in-sites) kif ukoll minħabba inkonvenjenti mis-settur kummerjali lir-residenti.

- Ir-residenti ta' żoni kummerċjali jiġu mħeġġa sabiex jinfurmaw lil Kunsill Lokali b'alarms sabiex dawn jiġu reġistrati mal-Għassa tal-Pulizija sabiex jekk idoqqu mal-lejl, b'dan jigu mgħarfa s-sidien ħalli jitfuhom u permezz ta' hekk mal-lejl ir-residenti jkunu jistgħu jieħdu l-mistrieħ dovut.

- Isir studju tat-traffiku fiż-żoni industrijali wara li jiġu kkonsultati l-partijiet konċernati.

- Tiġi kkunsidrata u studjata l-possibilita' ta' proġett pilota għall-introduzzjoni ta' *time parking* f'żoni fejn irid jinstab bilanċ bejn il-ħtiġijiet tar-residenti u l-attivita' kummerċjali.

Bis-saħħa u d-disposizzjonijiet li tagħti l-liġi tal-Kunsilli Lokali jista' jekk tinħass il-ħtieġa tul din il-legislatura jingħata avviz sabiex bye-law tiddaħħal f'dan ir-rigward."

**Il-Kunsillier Charles Farrugia** ssekonda il-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur il-Ħdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 09A/2012 (VI).**

**Il-Kunsill qabel li fir-rigward tal-progett pilota ghall-introduzzjoni ta' time parking ghandhom jigu kkunsidrati waħda minn dawn iż-żoni:**
**Tal-Bajjada, iż-żona ta' ħdejn is-Shopwise, Tal-Blat, u iż-żona ta' ħdejn F. Zammit Nurseries.**

**03/04/02 MOZZJONI NRU 09A/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Sean Meli** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru09A/2012 (VI).

**Il- Kunsillier Sean Meli** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap 363) jħeġġeġ il-protezzjoni u l-involviment taċ-ċittadini dan huwa l-għan ta' wara din il-mozzjoni. Għandhom jiġu mħarsa l-għixien adegwat taċ-ċittadini kollha ta' Ħal Qormi, speċjalment dawk li l-aċċessibilita' tagħhom tkun tinħtieġ għajnuna minn ħaddiehor sabiex jieħdu sehem fil-hajja ta' kuljum bħal Qriema oħra u kif ukoll sabiex jieħdu sehem u jgawdu attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill Lokali u għaqdiet Qriema.

Il-punti li ġejjien huma li:

- Jiġi propost sabiex meta jiġu organizzati attivitajiet li jsiru ġewwa Ħal Qormi, jkun hemm *reserved parking space* għan-nies bi bżonnijiet speċjali fil-viċinanzi ta' fejn ser issir l-attivita' u li tkun disponibli mad-domanda u/jew inkella li jkun hemm post riservat sabiex iwasslu lil persuni bi bżonnijiet speċjali qrib tal-attivita kemm jista' jkun u jerggħu jiġu għalihom minn dan il-post wara li tintemm l-attivita'.
- Jigi propost li jkun hemm żewġ tabelli bil-mapep ta' Ħal Qormi ġewwa Pjazza San Frangisk u l-Misraħ tal-Gran Mastru sabiex persuni bi bżonnijiet speċjali jkollhom idea cara ta' fejn huma *reserved parking spaces*. Jistgħu jiżdiedu aktar tabelli maż-żmien skond il-ħtieġa tagħhom fejn il-Kappelli u naħat oħra ffrekwentati**.**
- Jiġu organizzati wirjiet ta' talenti varji u li l-persuni bi bżonnijiet speċjali jkollhom sehem important fihom ukoll.
- Zebra crossings għandhom ikollhom sinjali jixgħelu b'mod solari jew tradizzjonali speċjalment dawk li huma f'toroq ta' ċertu importanza. (Mehmuż ritratt ta' mal-mozzjoni).

B'dan il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jagħti sinjal ċar li l-persuni anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali jsibu wens fil-kunsilliera u l-Kunsill Lokali."

Il-Kunsillier Sean Meli ressaq addenda wara l-ahhar punt rigward iz-Zebra Crossings li jghid *"Dan għandu jibda bi proġett pilota salv għas-suċċess tiegħu bħala prova."*

**Il-Kunsilliera Charles Farrugia** ssekonda l-mozzjoni kif emendata.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 09A/2012 (VI) kif emendata.**

**03/04/03 MOZZJONI NRU 10/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Antoine Saliba** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 10/2012 (VI).

**Il-Kunsillier Antoine Saliba** ressaq il-mozzjoni :-

"Billi l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi jemmen li l-iżvilupp tal-Komunita' jseħħ biss jekk l-individwu jipparteċipa b'mod sħiħ fl-attivitajiet tal-komunita', il-Kunsill Lokali jpoġġi lir-resident fiċ-ċentru ta' l-attivita' tiegħu. Billi l-korsijiet sportivi taz-Zumba u l-Aerobics sejrin jiġu fi tmiemom;

Nipproponi :-

- Li tinħareġ sejħa għall-persuni interessati li joffru dawn is-servizzi taz-Zumba u Aerobics
- Issir konsultazzjoni pubblika sabiex nieħdu feedback rigward korsijiet sportivi li r-residenti Qriema jixtiequ li jiġu provduti mill-Kunsill Lokali permezz ta *Online Survey* fuq il-*website* tal-Kunsill u *Feedback Sheet* li titħalla fuq il-*counter* tal-Kunsill.

**Il-Kunsilliera Sean Meli u Ralph Puli** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 10/2012 (VI).**

**03/04/04 MOZZJONI NRU 11/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** talbet lill-**Kunsillier Charles Farrugia** sabiex iressaq il-mozzjoni Nru 11/2012 (VI).

" Nipproponi li li l-qasam tal-Ambjent u Wirt Storiku ikollu sotto-kumitat ippresedut minni bħala l-Kunsillier responsabbli mill-qasam, iffurmat mill-persuni t'hawn taħt:

Francesca Balzan
Peter Busuttil
Joseph Camilleri
Perit John Demicoli

Nipproponi l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn il-persuni jkunu membri fis-Sotto-Kumitat tal-Ambjent u Wirt Storiku."

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 11/2012 (VI).**

**03/04/05 MOZZJONI NRU 12/2012(VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Peress li l-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi huwa konxju mill-problemi tat-traffiku li dejjem qed jikbru ma' l-ammont ta' vetturi li jizdiedu kull sena;

Peress li l-Kunsill huwa konxju mill-periklu li qed jigi kkawzat fit-toroq taghna minn sewqan eccessiv li jwassal ghal incidenti serji, li sahansitra gieli kienu fatali u hsarat ohra li jsiru ta' kuljum.

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Qormi ghandu jishaq biex il-bniedem jitpogga l-ewwel u qabel kollox, u dan :-

Sabiex inharsu s-sahha u l-hajja tal-Qriema fit-toroq taghna;

Sabiex naghmlu t-toroq fHal Qormi aktar accessibli u mharsa mill-periklu ta' sewqan eccessiv u incidenti li jsehhu ta' kuljum;

Sabiex fejn ikun hemm bzonn nipprotegu d-djar li fihom jghixu r-residenti Qriema u nnaqqsu mill-periklu li jghaddu minnhu bosta familji ta' kuljum.

Sabiex nipprotegu l-pedestrijani fic-centri, spazji pubblici u fit-toroq li qed isiru dejjem aktar traffikuzi.

1. Il-Kunsill Lokali ghandu jilqa' talbiet minn residenti bi bzonnijiet speċjali sabiex jitwahhlu mizuri permanenti u strutturi fizici bhal *bollards* tal-hadid meta jitressqu ragunijiet validi ghal twahhil ta' *bollards* fejn ikun hemm periklu jew hsarat ikawzati fil-proprjeta' taghhom.

2. Ghandhom jintlaqghu talbiet ghal twahhil ta' *bollards* tal-hadid fil-kantunieri u dawrien perikoluzi fit-toroq ta' Hal Qormi.

3. Ukoll fejn qed ikun hemm ipparkjar ta' vetturi li qed jikkawzaw hsara fl-infrastruttura tal-bankini, ta' residenzi privati, u x-xoghlijiet li jkun ghamel il-Kunsili Lokali.

4. Dawn it-talbiet ghal twahhil ta' hadid fuq bankini ghandhom jintlaqghu biss fejn hemm spazju bizzejjed fuq il-bankini jew ma' joholqux ostaklu

għall-accessibilita' sew ta' persuni b'dizabilita' jew *b'wheelchair*, jew *pushchairs.*

5. Kull talba li l-Kunsill jilqa' għandha titressaq quddiem il-Kunsill sabiex tiġi approvata.

**Il-Kunsillier Sean Meli** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 12/2012 (VI).**

**03/04/06 MOZZJONI NRU 13/2012 (VI)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet il-mozzjoni :-

"Nipproponi li l-Kunsill japprova l-ħatra ta' Bord biex jirrikmanda dwar l-offerti tas-Servizz minn Baned f'Ħal Qormi:
Il-Bord ikun magħmul minn:

Chairperson : Rosianne Cutajar (Sindku)
Deputy Chairperson : Jesmond Aquilina (Vici-Sindku)
Membru : Ralph Puli
Membru : Jason Busuttil ."

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 13/2012 (VI).**

**03/04/07 MOZZJONI NRU 14/2012 (VI)**

"Nipproponi li li l-qasam Ħarsien Socjali, Saħħa u Sigurta' u Persuni b'dizabbilita' ikollu sotto-kumitat ippresedut minni bħala l-Kunsillier responsabbli mill-qasam, iffurmat mill-persuni t'hawn taħt:

Spiru Saliba
Joe Viacava
Josianne Grech
Gabriella Spiteri

Charlene Barbara
Gianluca Spiteri

Nipproponi l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn il-persuni jkunu membri fis-Sotto-Kumitat tal-Harsien Socjali, Sahha u Sigurta' u Persuni b'dizabbilita'."

**Il-Kunsillier Antoine Saliba** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 14/2012 (VI).**

**03/04/08 MOZZJONI NRU 15/2012 (VI)**

"Nipproponi biex bħalma sar preċedentament mill-Kunsill f'attivitajiet organizzati b'kollaborazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill ikopri l-ispejjeż li saru fil-Festival tal-Inbid biex saret il-*backdrop* (€519.20) u s-servizz ta' mobajl toilets (€325.09) li nġibu minħabba li l-latrini pubbliċi kienu magħluqa minħabba l-problema tas-servizz tad-dawl.

**Il-Kunsillier Jason Busuttil** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 15/2012 (VI).**

**03/04/09 MOZZJONI NRU 16/2012 (VI)**

Nipproponi li l-Kunsill Lokali japprova n-nefqa tas-somma li m'għandix teċċedi l- € 5000 sabiex jiġi organizzat il-Programm ta' Jum Ħal Qormi, li jinkorpora fih is-Serata tal-Għoti ta' l-Unuri, Ġieħ Ħal Qormi u Għarfien il-Ħila.

Din is-serata se tkun animata b'Kunċert minn banda minn Ħal Qormi.'

Nipproponi li fil-premjazzjoni ta' Ġieħ Ħal Qormi 2012, li se tkun organizzata mill-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012, jingħataw dawn l-unuri.

| Għarfien il-Ħila 2012 | | |
|---|---|---|
| **Nominat** | **Raġuni** | **Kategorija** |
| Amadeo Galea | Pittur minn Ħal Qormi. Jipparteċipa fl-attivitajiet kulturali billi jeżebixxi x-xogħol tal-pittura tiegħu | **Arti u Mużika** |
| Manuela Falzon | Mudella li rebħet konkors f'Malta u rrappreżentat lil Malta fin-Niġerja | **Arti u Mużika** |
| Noel Zarb | Żeffien, artist u ħajjat tal-Kostumi tal-Karnival | **Arti u Mużika** |
| Xandru Mallia | Attur u artist fl-airbrush painting | **Arti u Mużika** |
| Fondazzjoni Ulied Ħal Qormi | Tieħu ħsieb il-patrimonju Qormi permezz ta' ftuħ ta' shelters | **Għaqdiet Lokali** |
| Radju Leħen il-Belt Ġorġjana | Jagħti servizz ta' radju fil-komunita' qormija, b'mod volontarju | **Għaqdiet Lokali** |
| L-Avukat Vincent Depasquale | kien jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Bibjoteka Nazzjonali. L-avukat Depasquale kien iben l-Imħallef Giacomo Depasquale. L-avukat Depasquale twieled l-Isla, izda minn ċkunitu trabba f'Ħal Qormi fejn baqa' sal-mewt. Kien Imħallef kapaċi u ezaminatur fil-korsijiet universitarji tal-liġi. | **In Absentia** |
| Jeanette Borg | Responsabbli mill-Kumpanija Merill Eco, kumpanija | **Intrapriza/Turizmu** |
| Jeffrey Twitchell Waas | Resident ta' Nazzjonalita' barranija u kittieb tal-Ktieb Four Walkds Around Ħal Qormi | **Letteratura** |
| Dominic Darmanin | Surmast Direttur tas-Soċjeta' Filarmonika Pinto għal aktar minn 20 sena | **Servizz lill-Komunita** |
| Dun Eucharist Zammit | Eks Vici Arċipriet fil-Parroċċa San Ġorġ u kien strumentali għat-twaqqif tal-Grupp taż-Żgħażagħ tal-istess parroċċa LINK | **Servizz lill-Komunita** |
| George Debono | Skultur, artist u voluntier | **Servizz lill-Komunita** |
| Grace Agius | Għal snin twal ħadmet fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ San Sebastjan l-Festival tal-Ħobż | **Servizz lill-Komunita** |
| Silvio Fleri Soler | Eks- Direttur teatrali u wieħed mill-fundaturi tal-Għaqda Qawmien | **Servizz lill-Komunita** |
| Emanuel Agius | Eks Sagristan tal-Parrocca San Gorg | **Servizz lill-Komunita'** |
| Walter Pawley | Volontarju fil-Parrocca San Ġorġ specjalment mal-Koppji zghazagh | **Servizz lill-Komunita'** |
| Etienne Barbara | Player minn Ħal Qormi fl-Istati Uniti | **Sport** |
| Guzi Cardona | Sportiv fil-qasam tal-isparar tal-Plattini | **Sport** |
| Keith Bartolo | Open Water Challenge | **Sport** |
| Lawrence Sammut (Il-lorry) | Referee f'pajjiżna u barra minn pajjiżna, fosthom fil-UEFA CUP u UEFA Champions League | **Sport** |
| Nigel Gafa | Player mal-Under 15 tal-Qormi FC. Nigel salva kollega tiegħu, waqt logħba football,permezz ta' dan l-intervent f'waqtu li salva l-ħajja tal-kollega tiegħu Neil Smart | **Sport** |
| Rachid Couhal | Rebbieħa fl-MOC Awards fil-qasam tal-Atletika | **Sport** |
| Mario Axiaq | Kien responsabbli mir-riċerka u l-pubblikazzjoni tal-Ktieb li tnehda mill-Qormi FC, 'L-istorja ta' 95 sena futbol f'Ħal Qormi u 50 Sena Amalgamazzjoni ta' Qormi FC | **Sport/Ricerka** |
| Karmenu Micallef | ex President tal-għaqda tal-Furnara | **Trejdunjonista** |
| Dr Robert Mangion | Avukat minn Hal Qormi li matul is-sena 2012 laħaq imħallef | **Unur Specjali** |

**Il-Kunsillier Jesmond Aquilina** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 16/2012 (VI).**

**03/04/10 MOZZJONI NRU 17/2012 (VI)**

Nipproponi li ssir sejħa għall-offerta għall-organizzazzjoni ta' dawn il-korsijiet mill-Kunsill Lokali Qormi:

Korsijiet tal-Kompjuter
Kors tal-Ganutil
Kors tal-Induratura
Kors tal-Kitarra
Kors tal-Ħjata
Kors taż-Żfin
Kors tal-First-Aid
Kors tal-Flower Arrangements
Kors tal-Literacy and Numeracy Classes
Kors tal-iSpanish for Beginners
Kors tal-German for Beginners

Creativity Class
Art for Juniors
Drama
Line Dancing
Festa Decorations
Parenting skills
Leadership skills
Energy Saving Initiatives at Home
Recycled Creative Crafts
Accounts for Businesses
Sign Language
Fotografija bazika
Bini ta' presepju

Nipproponi wkoll li jitfassal fuljett separat b'informazzjoni dwar dawn il-korsijiet li jitqassam ma' l-edizzjoni ta' Id-Dielja sabiex ninfurmaw aħjar lill-pubbliku dwar l-ezistenza ta' dawn il-korsijiet.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** ssekonda il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Hdax (11) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva din il-Mozzjoni 17/2012 (VI).**

**03/05 RAPPORTI**

**03/05/01 RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet id-dokument Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2011 li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. Huwa fisser li f'dan ir-rapport imħejji mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti, jiġbor fih analiżi dettaljata tal-ħidma tal-Kunsill kollha għal din is-sena finanzjarja li għaddiet, tal-ħames sena tal-leġislatura tal-Ħames Kunsill. **DOK 'B'**

Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2011.

**Il-Viċi Sindku Jesmond Aquilina issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva r-Rapport Amministrattiv 2011.**

**03/05/02 RISPOSTA TAL-ITTRA TA' DIREZZJONI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet l-Ittra ta' Direzzjoni u r-Risposta tal-Kunsill għar-rapport finanzjarju tal-awditur għas-sena 2011 li kien iċċirkulat u li ittieħed bħala moqri. Is-Segretarju Ezekuttiv fisser li f'dan ir-risposta il-Kunsill indirizza l-materji kollha li gibed l-attenzjoni tagħhom l-Awditur. . **DOK 'C'**

Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tar-Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur ghas-sena finanzjarja 2011.

**Il-Kunsillier Sean Meli issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva ir-Risposta tal-Ittra ta' Direzzjoni tal-Awditur ghas-sena finanzjarja 2011.**

**03/06 KORRISPONDENZA**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-Korrispondenza dwar: **DOK 'D 1-3'**

1. Ability Publications Ltd – Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu biex għal din is-sena 2012 joħroġ żewġ ħarġiet ta' *Id-Dielja*, waħda fit-tielet ġimgħa ta' Awissu, u l-oħra f'Diċembru.

2. Korrispondenza dwar każ bejn il-kuntrattur tal-Kunsill u familja fi blokk ta' flats tal-housing, dwar kont tal-ilma wara li kien sar uzu mill-ilma tal-familja mill-kuntrattur. Il-Kunsill iddecieda biex jieħu parir legali dwar il-każ.

3. Korrispondenza dwar PA836/10 – *Junction* Triq il-Belt Valletta/Triq l-Erba' Qaddisin/Triq Hal Qormi. Il-Kunsill iddecieda biex jieħu l-istess pozizzjoni li kien ħa ftit xhur ilu dwar zvilupp fl-istess zona. Il-Kunsill qabel unanimament li joggezzjona peress li din hija green area fid-daħla tal-lokalita' u anke peress li dan l-izvilupp kien ser iħalli impatt negattiv fuq il-*junction* msemmija minħabba żieda fit-traffiku fil-*peak hours*.

**03/07 INFORMAZZJONI**

**03/07/01** Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina informa lill-Kunsill li huwa ressaq il-proposta tal-Kunsill tas-CCTV lir-Regjun li ser jiddiskuti t-talba tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss peress li l-ittra tal-Kunsill waslet wara.

**03/07/02** Il-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina informa lill-Kunsill li huwa attenda għal-laqgħa dwar il-proġett iffinanzjat minn fondi Ewropej dwar it-taħriġ lill-persuni li jaħdmu fin-nar. Il-Viċi-Sindku kompla li bħalissa qed isiru l-kuntratti rispettivi rigward dan il-proġett.

**03/07/03** Il-Kunsillier Margaret Mercieca irrimarkat dwar il-fatt li fl-attivita' tal-Festa tar-Rebbiegħa il-kunsilliera ma kenux mistiedna kollha kemm huma għaċ-ċerimonja tal-parti relatata mal-*Guinness Book of Records*. Il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill ghandu jikteb lill-għaqdiet kollha biex jfakkarhom li għandhom iressqu l-lista tal-mistednin u l-programm tal-attivitajiet li jiġu organizzati b'kollaborazzjoni tal-Kunsill qabel l-attivita'. Barraminnhekk mal-istess ittra l-Kunsill għandu jagħtihom kopja tal-Protokoll biex jimxu miegħu fl-attivitajiet li jorganizzaw.

**03/08 AĠĠORNAMENT**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 4 ta' Ġunju 2012 fis-7:00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-9:05 ta' fil-għaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2012.
(Jum) (Data) (Xahar)